MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 255/1997/1

Citazzjoni numru 255/1997

Pietru Pawl Borg u martu Nancy Borg

vs

Awtorita' tal-Ippjanar

Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li tghid:

Illi huma proprjetarji ta' kamra fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta' Dahlet Qorrot', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex;

Illi din il-kamra li sservi bhala ‘boathouse’ bl-ebda mod ma thassar l-ambjent tant illi hija mibnija taht il-livell tat-trab b’mod li jidher biss il-bieb taghha u tinstab biswit ghadd konsiderevoli ta’ kmamar ohra li lkoll inghataw il-permessi mehtiega mill-konvenuta l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar jew il-precedessur taghha filwaqt li fuq ir-rih ta’ l-istess ‘boathouse’ ta’ l-atturi giet kostruwita kamra ohra li qeghdha ‘l fuq mil-livell tat-trab;

Illi l-konvenuta Awtorita’ ta’ l-Ippjanar irrifjutat li tohrog il-permessi mehtiega ghall-kamra ossija ‘boathouse’ ta’ l-atturi ghalkemm inhargu l-permessi ghall-‘boathouses’ kif fuq inghad u li huma fl-istess inhawi u ambjent li fih qeghdha l-‘boathouse’ ta’ l-atturi filwaqt li rrifjutat li taghmel investigazzjonijiet dwar il-permessi li jista’ ghandu o meno sid il-kamra li qeghdha fuq ir-rih kif fuq inghad u l-konvenuti di piu’ issa qeghdin jiehdu passi kriminali kontra l-attur permess tal-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija v Peter Paul Borg’ pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali liema kawza tinstab differita ghas-sentenza;

Illi minhabba l-agir arbitararju tal-konvenuti gew ikkawzati danni lill-atturi;

Talbu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara illi d-decizjoni ta’ rifjut tal-permess fuq imsemmi kif ukoll il-prosekuzzjoni kontra l-atturi jikkostitwixxu abbuz tas-setgha tal-Awtorita’ pubblika billi dawn saru ghall-ghanijiet mhux xierqa u kienu bazati fuq kunsiderazzjonjiet mhux rilevanti, u ghalhekk huma nulli u bla effett u ghandhom jigu revokati;

2. tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tad-danni a bazi tal-Artikolu 469A tal-Kap 16 (sic Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali ta’ Novembru 1997.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonjiet ta’ l-Awtorita’ tal-Ippjanar li eccepiet:

1. preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din l-Qorti stante gurisprudenza illum kostanti tal-Qrati nostrana fejn gie ritenut li biex wiehed jikkontesta r-rifjut ta’ permess ghal zvilupp dan huwa kamp esklussivament tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar u mhux tal-Qrati ordinarji u ghalhekk dan ghandu jsir permezz ta’ appell quddiem l-imsemmi Bord ta’ l-Appelli u mhux permezz ta’ citazzjoni fil-Qrati civili kif attwalment ghamlu l-atturi;

2. preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni ta’ l-atturi stante li l-istess atturi fid-9 ta’ Dicembru 1997 issottomettew applikazzjoni (PA 7022/97) ma’ l-Awtorita’ tal-Ippjanar biex proprju jissanzjonaw il-kamra li sservi bhala boathouse in kwistjoni u liema applikazzjoni ghadha pendenti, mil-liema decizjoni (rigwardanti l-ezitu ta’ l-istess applikazzjoni) f’kaz sfavorevoli l-applikant dejjem ghandu rikors ghall-appell quddiem l-Bord ta’ l-Appell, u sussegwentement ghandu wkoll ir-rimedju ta’ appell quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fuq punt ta’ ligi deciz mill-istess Bord ta’ l-Appell;

3. preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva li filwaqt li huwa minnu li fl-inhawi nhargu permessi lil terzi gialadarba jirrizulta li l-permess in kwistjoni nhareg mill-PAPB fl-1981 u <u>mhux</u> mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, l-esponenti jissottometti li l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hi qatt ma harget permessi ghall-‘boathouses’ fl-inhawi. Inoltre, dan qed jigi sottomess principalment a bazi ta’ gurisprudenza illum kostanti mill-Qrati nostrana fejn ormai gie stabbilit li l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar m’hijiex is-successura awtomatika fl-obbligi u fid-drittijiet skond il-ligi tal-PAPB hlief ghal dawk il-permessi li l-operat taghhom kien ghadu validu meta effettivament twaqqfet l-Awtorita’, li fil-kaz in ezami certament ma japplikax;

4. minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal rigward tal-meritu ghandu jigi rilevat li l-atturi kienu ssottomettew applikazzjoni (PB 1393/90) fl-1990 biex jissanzjonaw tali kamra li sservi ta' 'boathouse' lill-PAPB, liema applikazzjoni kienet giet rifjutata mill-istess PAPB fit-2 ta' Lulju 1990;

5. ghal rigward il-premessa li l-proceduri kriminali istitwiti kontra l-atturi gew istitwiti b'abbuz ta' poter u b'agir arbitrarju, jirrizulta li sal-lum il-gurnata l-kamra in kwistjoni ghadha mhijiex koperta b'permess ta' zvilupp, u dan kif ser jigi ampjament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandu jirrizulta li l-proceduri kriminali istitwiti kontra l-attur fic-cirkostanzi huma altru li ggustifikati stante li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qed taqdi l-obbligi u l-funzjonijiet taghha skond il-ligi;

6. ghal rigward l-allegazzjoni li l-Awtorita' infurmat lill-atturi li ma setghux japplikaw ghall-permess relattiv, l-esponenti jirrileva li tali allegazzjoni hija kompletament skorretta stante li d-dritt li wiehed japplika ghall-permess ta' zvilupp huwa in effetti dritt salvagwardjat bil-ligi fejn l-ebda Awtorita' jew entita' ohra m'ghandha l-jedd jew is-setgha li ccahhad lic-cittadin minn tali dritt. Di fatti, jirrizulta illi l-atturi ssottomettew applikazzjoni (PA 7022/97) fid-9 ta' Dicembru 1997 lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jissanzjonaw il-kamra in kwistjoni, liema applikazzjoni jirrizulta li ghadha pendenti;

7. ghaldaqstant m'ghandhomx jintlaqghu t-talbiet ta' l-atturi fil-konfront ta' l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 1998.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

1. illi in kawntu fl-ewwel talba tieghu fic-citazzjoni odjerna l-attur qieghed jipprova jimpunja prosekuzzjoni kontra tieghu fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kriminali, l-istess talba taqa’ barra l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti peress li hija l-Qorti ta’ kompetenza kriminali li ghandha gurisdizzjoni li tiddeciedi l-validita’ o meno tal-prosekuzzjoni, u mhux il-Qorti Civili;

2. illi kwantu ghall-kumplament tat-talba, din tikkoncerna l-hrug ta’ permess ghall-izvilupp li ma jaqax fil-kompetenza ta’ l-esponent;

3. illi inoltre, stante li l-azzjoni qed tipprova twaqqaf proceduri kriminali, hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi d-diskriminazzjoni li ghaliha qed jirreferi l-attur – anke jekk pruvata (haga li l-esponent ma jammettix) qatt ma’ tista’ twassal biex wiehed jiggustifika l-agir illegali ta’ l-attur;

4. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-azzjoni ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir ta’ l-awtorita’ pubblika ma kienx wiehed abbuziv;

5. illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti m’ghandu jbati ebda spejjez u wisq anqas ghandu jhallas xi tip ta’ danni;

6. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ezaminat wkoll in-noti kollha li jinsabu esebiti in atti li l-partijiet ghogobhom jipprezentaw;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tat-8 ta’ Mejju 2003 li biha l-konvenuta, l-Awtorita’ tal-Ippjanar, tinsab liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-azzjoni ta’ l-atturi fil-konfront tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, wahda miz-zewg konvenuti fil-kawza, tinsab definittivament definita, jigifieri tinsab ‘res judicata’ bis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, il-vertenza illum tirrigwarda, tikkoncerna u hija ristretta ghall-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija. Din l-eccezzjoni hi ta’ matrici procedurali impernjata fuq in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni. Din taqra hekk: “illi in kwantu fl-ewwel talba tieghu fic-citazzjoni odjerna l-attur qieghed jipprova jimpunja prosekuzzjoni kontra tieghu fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Kriminali, l-istess talba taqa’ barra l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti peress illi hija l-Qorti ta’ kompetenza kriminali li ghandha gurisdizzjoni li tiddeciedi l-validita’ o meno tal-prosekuzzjoni u mhux il-Qorti Civili”.

Minn riassunt fil-qosor ta’ l-azzjoni ta’ l-atturi jirrizulta li huma istitwew l-prezenti citazzjoni in segwitu ghall-proceduri inizjati kontrihom rigward kamra sita f’Dahlet Qorrot in Nadur, proprjeta’ taghhom, addebita bhala ‘boathouse’, li fuqha l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar irrifjutat li tohrog il-permessi mehtiega b’konsegwenza li ttiehdu wkoll passi kriminali mill-Pulizija kontra l-attur Peter Paul Borg. Essenzjalment, kontra l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, l-atturi qeghdin jinvokaw l-Artikolu 469A tal-Kap 12 billi skond huma hu manifest l-abbuz tas-setgha ta’ l-Awtorita’ pubblika stante li msejsa fuq ghanijiet mhux xierqa u kunsiderazzjonjiet mhux rilevanti li konsegwentement irendu null u bla effett l-proceduri kriminali istitwiti mill-Kummissarju tal-Pulizija kontrihom.

Invokat mill-atturi l-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura Civili bhala bazi ghall-azzjoni taghhom m’ghandhux ikun hemm dubbju li l-Qorti Civili ghandha l-poter li tissindika l-

agir tal-Kummissarju tal-Pulizija fl-ambitu u fit-termini li jippredisponi dan l-Artikolu. Hu jolqot ghemil amministrattiv li jmur kontra l-ligi u difatti fis-subartikolu (1) tieghu jiddisponi b'mod skjett li "il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom kompetenza biex jistharrgu l-validita ta' xi ghemil amministrattiv [u] jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett". Izda dan l-istess subartikolu jiccirkoskrivi l-poter ta' stharrig tal-Qrati li ghall-fini ta' dina l-kawza l-atturi qeghdin jibbazawh fuq is-subinciz (iii) ta' l-istess subartikolu (1), cioe', li l-agir tal-Kummissarju jikkostitwixxi abbuz tas-setghat tieghu billi l-azzjoni kriminali intrapriza minnu kontra l-attur Peter Paul Borg saret ghall-ghanijiet mhux xierqa jew hi msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Frankament din il-Qorti ma tistax tara kif qatt tista' taqbel ma' l-atturi u ticcensura lill-Kummissarju tal-Pulizija talli istitwixxa azzjoni kriminali kontra l-attur Peter Paul Borg minhabba allegat ksur da parti tieghu tal-ligi u iddikjara din l-azzjoni nulla, invalida, jew minghajr effett, di piu', meta l-azzjoni kriminali hi bbazata sewwa fuq allegat ksur tal-Att 1/1992, li hi stess tikkontempla tali azzjoni, li anzi timponi obbligu fuq il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija li jistitwixxi l-azzjoni, u fejn lanqas prettament tali azzjoni ma tikkonfigura fid-definizzjoni ta' 'ghemil amministrattiv' kif imfissra fl-imsemmi Artikolu 469A. Fi kliem iehor li din il-Qorti qeghdha ssostni hu li ghalkemm ghandha gurisdizzjoni biex tezamina u tiddeciedi jekk il-Kummissarju tal-Pulizija fl-ezercizzju tal-poteri konferiti lilu agixxiex fil-paramentri ta' dak il-poter u skond il-ligi, f'kull kaz, *dato ma non concesso* li t-tehid ta' azzjoni kriminali hi nkluza fit-tifsira ta' 'ghemil amministrattiv', lanqas m'hi qeghdha tirriavviza fl-operat tieghu ebda abbuz ta' poter u lanqas agir mhux skond il-ligi. Wkoll m'hi suffragata t-talba attrici fuq is-semplici dikjarazzjoni li saret diskriminazzjoni kontra tieghu stante in-nuqqas, apparenti jew reali, ta' tehid ta' azzjoni kriminali simili kontra terzi fl-istess posizzjoni tieghu. Jekk l-attur kiser il-ligi ma jistax jippretendi mmunita' fuq semplici allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li certament tigi ndagata fis-sede proprja ta' l-azzjoni kriminali izda li certament u fil-fehma ta' din il-

Qorti ma twassalx, u ma tistax twassal, ghan-nullita’ jew invalidazzjoni tal-proceduri kriminali.

Illi a bazi ta’ dan fuq espost qeghdha ghaldaqstant tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, Kummissarju tal-Pulizija, tiddikjara li m’ghandhiex gurisdizzjoni u tikkundanna lill-atturi l-ispejjez ta’ din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------